Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/17

**Dolores Anna sive Doreen Cardona** **(appellata)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali** **(appellant)**

30 ta' Lulju 2018

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li Dolores Anna Cardona għandha tirrifondi s-somma ta' €29,143.75 allegatament imħallsa lilha indebitament f' Għajnuna Soċjali.**

2. B'ittra datata 27 ta' Ottubru 2016, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Dolores Anna sive Doreen Cardona li kien irriżultalu li s-somma globali ta' €29,143.75 li hija kienet tħallset in linea ta' Għajnuna Soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali fil-perjodu bejn il-25/03/2006 u s-06/05/2016 kien fil-fatt tħallas lilha indebitament stante li kellha kapital li jeċċedi l-limitu. Ġie spjegat lilha li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Għajnuna Soċjali jew xi benefiċċji oħra li hija tista' tirċievi mid-Dipartiment.

3. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2016 Dolores Anna sive Doreen Cardona appellat quddiem l-Arbitru minn tali deċiżjoni[1]. Hija sostniet li d-deċiżjoni tad-Direttur kienet waħda infondata u ilmentat li mis-6 ta' Mejju 2016 ma baqgħetx tirċievi benefiċċji soċjali. Għalhekk talbet lill-Arbitru sabiex iħassar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali u biex jordnalu jirrifondilha l-benefiċċji soċjali li ġew miċħuda lilha sa mis-6 ta' Mejju 2016.

[1] L-ittra tagħha waslet quddiem l-Umpire Board fl-14 ta' Novembru 2016 (Umpire No. 737/16).

4. Fid-29 ta' Marzu 2017 id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-appell ta' Dolores Anna sive Doreen Cardona permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru[2]. Huwa spjega illi l-assistenza kienet twaqqfet lilha għar-raġuni li minn investigazzjoni li d-Dipartiment għamel kien irriżulta li fl-20 ta' Marzu 2006 kienet inbiegħet id-dar matrimonjali għall-prezz ta' Lm150,000 (€349,406) u li s-sehem tagħha wara li inqatgħu id-diversi spejjeż kien ta' €48,198.39, u għalhekk hija kellha kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita, u liema kapital hija ma ddikjaratx mad-Dipartiment.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2017[3], l-Arbitru Dr Shaheyar Ghaznavi laqa' l-appell interpost minn Dolores Anna sive Doreen Cardona u ħassar id-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali tas-27 ta' Ottubru 2016.

6. Id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali ħass ruħu aggravat b' din id-deċiżjoni u għalhekk fit-28 ta' Diċembru 2017 intavola rikors tal-appell quddiem din il-qorti. Fl-appell tiegħu talab lil din il-qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016.

7. **L-aggravju** tiegħu jirrigwarda l-apprezzament (allegatament) ħażin tal-fatti da parti tal-Arbitru.

- Huwa jilmenta li l-Arbitru ibbaża ruħu solament fuq ix-xiehda ġuramentata tal-Avukat Ian Stafrace a skans ta' provi oħra li kellhom piż probatorju, fosthom il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-appellata u żewġha Andrew Mifsud li jistipula li d-dejn kellu jassumih l-istess Mifsud.

- Isostni li ir-rekwiżit ta' "*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" da parti tal-appellata ma jirriżultax mill-provi. Jargumenta li għalkemm l-avukat Stafrace xehed li saru pagamenti mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali u li b'hekk hija ma kellha l-ebda flus li jeċċedu l-iskala stabbilita, l-appellata qatt ma ġabet prova f' dan is-sens. Għalhekk isostni li ma kienx hemm prova sodisfaċenti li l-appellata ma kellhiex fil-pussess tagħha l-ammont fuq imsemmi.

8. Fit-12 ta' Jannar 2013 l-appellata Dolores Anna sive Doreen Cardona

[2] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-Umpire Board fit-30 ta' Marzu 2017.
[3] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 262/17.

ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha. Hija lmentat li l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju u intiż biex joħloq preġudizzju versu d-drittijiet tagħha. Għalhekk issottomettiet li d-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

- In <u>linea preliminarji</u> hija saħqet li d-Direttur kellu jġib prova li l-appell tiegħu ma sarx *fuori termine* u dan in vista tal fatt li l-Artikolu 109(2) tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li appell quddiem l-arbitru għandu jsir fi żmien 30 jum minn meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ.

- Dwar l-aggravju tad-Direttur fuq l-<u>apprezzament allegatament ħażin tal-fatti,</u> hija ssostni li dan huwa infondat. Fl-ewwel lok targumenta li mid-deċiżjoni tal-Arbitru stess jirriżulta li huwa evalwa bir-reqqa l-provi kollha, u taċċenna partikolarment għan-nota tal-10 ta' Awwissu 2017 li ppreżenta d-Direttur stess, li fost id-dokumenti annessi magħha hemm dokument li jgħid "*After going through recent documents presented by clt. the dept. is now satisfied that no money was left after sale of house of residence*." Iżżid tgħid ukoll li mhux minnu li l-Arbitru bbaża ruħu solament fuq ix-xiehda tal-Avukat Stafrace, u fi kwalunkwe każ tgħid li hemm regola li x-xiehda ta' xhud wieħed, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tikkostitwixxi prova u kompluta.

- Finalment tispjega li barra din d-deċiżjoni tal-Arbitru li minnha sar l-appell odjern (Deċiżjoni Nru: 262/17) l-Arbitru ta deċiżjoni oħra (Deċiżjoni Nru 263/17), u taċċenna għall-fatt li minn tali deċiżjoni ma sar l-ebda appell u għalhekk din ġiet reża <u>*res judicata*</u> favur tagħha. Iżżid tgħid d-deċiżjoni 263/17 hija identika għal dik 262/17 u li fihom l-istess motiv, l-istess talba u l-istess rimedju mitlub.

**<u>Jekk l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali sarx fit-terminu kontemplat mil-liġi.</u>**

9. In segwitu għall-eċċezzjoni preliminari tal-appellata, l-appellant ippreżenta kopja tad-deċiżjoni tal-Arbitru li fuqha jidher it-timbru bid-data ta' meta waslet fir-Registru tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali: "*Department of Social Security, 29 Nov 2017, DSS REGISTRY*". Jidher għalhekk li l-appell tiegħu tat-

28 ta' Novembru 2017 fil-fatt sar *entro termine*. Mhemmx provi oħra li jikkontradiċu tali fatt. Għaldaqstant l-appell sar fit-terminu.

**Provi:**

*A. (Dokumenti)*

10. Mid-dokumenti ppreżentati fil-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru, jirriżulta s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| 14.10.1984 | Dolores Anna Cardona iżżewġet lil Andrew Mifsud; |
| 01.02.1986 | Kellhom tifel, Sylvan Mifsud; |
| 19.05.1990 | Kellhom tifla, Maria Mifsud; |
| 18.02.1999 | Il-konjuġi Andrew u Dolores Anna sive Doreen Mifsud (nee` Cardona) biegħu il-fond 57, Androxa, St Joseph High Street, Ħamrun, għall-prezz ta' €23,294;[4] |
| 13.07.2005 | Dolores Anna sive Doreen Cardona applikat mad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sabiex tingħata l-Għajnuna Soċjali. Hija *inter alia* ddikjarat li kienet toqgħod 171/2, Triq il-Wied tal-Msida, Msida, li hija persuna separata u li ma kellha l-ebda impieg, l-ebda flus il-bank jew id-dar, u l-ebda proprjeta`. Fuq l-applikazzjoni ġie indikat it-tifel Sylvan Mifsud biss; |
| 24.01.2006 | Nota ta' Iskrizzjoni ta' Ipoteka rigwardanti debitu ta' Andrew Mifsud fl-ammont Lm500 (inkluż imgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji) favur Pace & Mercieca Ltd. L-ipoteka inħarġet fuq:<br>- 8 garaxxijiet f' basement level b'faċċata fuq Triq Adelaide Cini, Ħamrun;<br>- 2 garaxxijiet f' groundfloor level sottoposti għall-imsemmija 8 garages;<br>- id-dar Sandor, Triq Adelaide Cini, Ħamrun, sovraposta għall-imsemmija 10 garaxxijiet;<br>- l-appartament nru 7 f' Antonia Flats, Triq it-Turisti, Buġibba, S Pawl il-Baħar; |
| 21.02.2006 | Dolores Anna sive Doreen Mifsud iddikjarat quddiem in-Nutar John Gambin li matul is-sena 2005 hija ma kellha l-ebda dħul mill-kumpanija "Androxa Furniture Ltd"; |

[4] Għalkemm ir-Revised Notice Value huwa ta' €58,234.

20.03.2006 Il-konjuġi Andrew Mifsud u Dolores Anna sive Doreen Mifsud (nee` Cardona) biegħu id-dar matrimonjali 53, Sandor, Triq Adelaide Cini, Ħamrun, u s-semi-basement garage sottopost għalih, bin-numru 54, għall-prezz ta' €349,406 lil Louis Muscat għal NIB Co Ltd. Fuq dan il-kuntratt deher il-Bank li ta l-kunsens tiegħu għar-riduzzjoni ta' noti ta' ipoteki li kienu ġew iskritti favur tiegħu. Dehru wkoll fuq dan il-kuntratt is-soċjeta` Forestals Building Materials & Services Ltd, Brands International Ltd, u wkoll Pace & Mercieca Ltd, li lkoll taw il-kunsens tagħhom li jiġu KANCELLATI n-noti ta' ipoteki iskritti favur tagħhom u dan peress li l-krediti relattivi hemm iskritti ġew imħallsa u sodisfatta;

20.07.2006 Il-konjuġi Andrew u Dolores Anna sive Doreen Mifsud iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Fost affarijiet oħra ftehmu li:

- il-kura tal-minuri Maria Mifsud iġi fdata lil Dolores Anna sive Doreen Mifsud;
- id-dejn kollu tal-komunjoni tal-akkwisti jassumih Andrew Mifsud u dan in vista tal-fatt li Dolores Anna sive Doreen Mifsud ma ġietx rilaxxjata mill-garanzija personali li kienet għamlet mal-BOV;
- Dolores Anna sive Doreen Mifsud tirrinunzja favur Andrew Mifsud kull dritt/interess/sehem li għandha jew jista' jkollha fil-kumpanija "Androxa Furniture Ltd";
- Andrew Mifsud kellu sa Diċembru 2006 jirritorna lil Dolores Anna sive Doreen Mifsud il-pendent, brazzuletta u imsielet tad-djamanti li kien impenja ma' terzi persuni għall-ħlas ta' xi dejn;
- il-vettura DOR-246 tal-marka Fiat Punto tiġi assenjata lil Dolores Anna sive Doreen Mifsud;
- Dolores Anna sive Doreen Mifsud tirriverti għal kunjom xbubitha: Cardona.

05.07.2016 Il-bank BOV ikkonferma li skont ir-records tiegħu, Dolores Anna sive Doreen Cardona:

"***is still a debtor of the bank*** *by way of unpaid loan balances held jointly with her estranged husband. Furthermore there are considerable existing obligations due towards the Bank by Ms Cardona by virtue of joint guarantees which she and her former husband gave the bank to secure the debt of a commercial debtor company.*"

Ikkonferma ukoll li mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali (Lm150,000) il-bank kien irċieva s-somma ta' Lm100,000:

"*as balance reduction in a loan held in the joint names of Mr Andrew and Mrs Doreen Mifsud.*"

09.08.2017 Kopja ta' Minuta Nru 131 li tniżżlet minn ċertu Maria Zerafa (senior clerk) fil-file tad-Dipartiment fir-rigward tal-każ ta' Dolores Anna sive Doreen Cardona:

*"After going through recent documents presented by clt. the dept. is now satisfied that no money was left after sale of house of residence.*

*Kindly vide ON after min. 123. From doc produced by clt. it transpired that besides h/res they also owned 8 garages at basement level and 2 more garages at ground floor level, and a flat in St Paul's Bay.*

*Clt. is to state if these are still in their possession. Were they sold? if sold what happened to money received? After this query is sorted they Dept. will be in a position to determine if payment of SA is to be reissued and/or if any o/payts are due".*

B. (*xiehda*)

11. Fil-proċeduri quddiem l-Arbitru xehdu l-Avukat Dr Ian Stafrace, Dolores Anna sive Doreen Cardona, u l-kuntrattur George Micallef. L-Arbitru fil-fatt għamel ampja riferenza għax-xiehda ta' dawn il-persuni fis-sentenza mogħtija minnu.

12. L-Avukat Ian Stafrace, fix-xiehda tiegħu tal-4 ta' April 2017 xehed illi huwa kien l-avukat ta' Cardona meta hija kienet għaddejja mis-separazzjoni minn ma' żewġha Andrew Mifsud. Spjega li kellhom diversi djun, kemm bħala konjuġi u kif ukoll tramite l-kumpaniji. Qal li kellhom ibiegħu d-dar matrimonjali, li kienet l-unika dar li kellhom biex jevitaw li din tinbiegħ bis-subbasta. Żied jgħid li d-dejn li kellhom mal-Bank li deher fuq il-kuntratt kien ferm ikbar minn dak li deher fuq il-kuntratt. Qal li kien hemm kredituri oħra li kienu laħqu fetħu proċeduri ġudizzjarji, b'hekk deheru fuq il-kuntratt ta' bejgħ, biex jieħdu l-flus għax kienu laħqu għamlu l-mandati; u li oltre dawn kien hemm dejn ieħor li għadu mhux ikkristallizat b'sentenzi jew kostituzzjoni ta' debitu. Ikkonferma, kif hemm imniżżel fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, li d-dejn li fadal assumih ir-raġel. Enfasizza li l-bilanċ li kien fadal mill-bejgħ tad-dar:

*"lanqas serva biex jitħallsu l-liabilites li fadal u li għadhom accruing sa llum, inkluż, il-Bank…il-Bank illum għadu qed jiġri wara Doreen biex tħallas id-dejn li baqa' jakkumula…..li ġara hu li snin wara s-separazzjoni, a couple of years wara, s-sur Mifsud ħarab minn Malta…halla din il-problema warajh, x' kien laħaq ħallas dejn ma nafx, naf li għad hemm kredituri sostanzjali jiġru warajh, again uħud minnhom huma entitajiet governattivi."*

13. Kompla jgħid li għalkemm skont il-kuntratt tas-separazzjoni d-dejn assumih ir-raġel, Andrew Mifsud, *"imma dejn ma tistax taqbad tiddikjarah int li qed tgħaddih. Irid jaċċetta anke il-kreditur."* Ikkonferma li sal-mument tas-separazzjoni ma kien hemm assolutament l-ebda cash jew flus il-bank.

14. Wara din id-depożizzjoni l-Arbitru idderieġa lid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali biex jieħu konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minn Cardona, kif ukoll ta' tali depożizzjoni u biex wara li jagħmel il-verifiki jiddikjara hux ser iżomm ferm mad-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016 (mertu tal-każ in kwistjoni). In segwitu għal tali verbal tal-Arbitru tal-4 ta' April 2017, id-Dipartiment ippreżenta nota fl-10 ta' Awwissu 2017 u magħha ġiet annessa kopja tal-minuta nru 131 surriferita: u cioe` fejn jingħad li d-Dipartiment kien sodisfatt li ma kienx fadal flus wara l-bejgħ tad-dar, iżda pero` li ried informazzjoni fuq il-garaxxijiet u l-appartament ta' Buġibba li jissemmew fl-iskrizzjoni tal-ipoteka.

15. Dolores Anna sive Doreen Cardona fix-xiehda tagħha tat-3 ta' Ottubru 2017 bil-ġurament tagħha ddikjarat li llum il-ġurnata m'għandha l-ebda proprjeta` immobbli. Dwar il-garaxxijiet li jissemmew fl-iskrizzjoni tal-ipoteka spjegat li dawn fil-fatt qatt ma nbnew. Spjegat li fil-fatt bil-kuntratt tal-20 ta' Marzu 2006 is-sit fejn kellhom jinbnew il-garaxxijiet ġie mibjugħ lil Louis Muscat (għal NIB Co Ltd) u bir-rikavat tħallsu t-tlett kredituri ta' żewġha. Dwar l-appartament ta Buġibba (San Pawl il-Baħar) qalet li dan ukoll inbiegħ pero` enfasizzat li tali proprjeta` qatt ma kienet tagħha.

16. George Micallef, fit-3 ta' Ottubru 2017 xehed li qabel ma rtira kien jaħdem ta' kuntrattur. Qal li hu u ħutu bnew f' Adelaide Street, Ħamrun, u li meta bdew iħaffru kienu sabu barriera. Qal li *"qatt ma nbnew it-tmien garaxxijiet"* avolja fuq il-pjanta kienu jidhru l-garaxxijiet. Spjega li l-perit kien qalilhom biex ma jsirux id-diviżorji. Xehed li għamlu basement billi għamlu l-pilastri, u għamlu garaxx sħiħ.

**Konsiderazzjoni:**

17. Jidher għalhekk ampjament pruvat mid-dokumenti u mix-xiehda li r-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali bil-garaxx sottostanti intuża kollu kemm hu sabiex jitħallsu parti mid-djun li kien hemm. Il-garaxxijiet li jissemmew fl-iskrizzjoni tal-ipoteka (u li jidher li dwarhom biss id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali kien għad kellu *"query"*) effettivament ma nbnewx, u fil-fatt inbena biss ġaraxx li eventwalment inbiegħ fl-2006 flimkien mad-dar taż-żwieġ.

18. L-appellant ma ta l-ebda raġuni valida għalfejn dak li xehed Dr Stafrace ma kellux jitwemmen. Il-qorti lanqas ma taqbel li l-Arbitru bbaża ruħu biss fuq id-deposizzjoni ta' Dr Stafrace. F'kull każ, l-Abitru għandu kull dritt li jiddeċiedi fuq dak li jkun xehed xhud, jekk jemmen il-verżjoni li jkun ta. B'daqshekk ma jkunx ifisser li d-deċiżjoni hi difettuża. Il-fatt li l-Arbitru emmen u kien moralment konvint mill-verżjoni li ta Dr Stafrace, ma jistax jingħad li naqas milli jagħmel apprezzament fil-profond tal-provi. L-appellant lanqas ma ressaq xi argument fejn wera li x-xhud b'mod konvinċenti li x-xhud ma kellux jitwemmen. L-appellant kellu kull opportunita' kieku ried, li jagħmel domandi lix-xhud, bil-għan li jikkontradiċi lix-xhud jew li jaċċerta ruħu minn dak li qal. Madankollu mill-atti hu evidenti li baqa' sieket. Il-qorti żżid li d-dejn li jkollha persuna mhux bilfors ikun garanti b'xi ipoteka jew privileġġ speċjali li jkun ġie reġistrat skont il-liġi.

19. Dwar il-pendent, brazzuletta u imsielet tad-djamanti baqa' mhux magħruf jekk dawn fil-fatt ġewx ritornati lil Dolores Anna sive Doreen Cardona minn żewġha Andrew Mifsud, kif ġie miftiehem fil-kuntratt tas-separazzjoni. Madanakollu, in vista tal-fatt li l-istess Andrew Mifsud, li kien assuma d-dejn kollu, ħarab minn Malta, u allura fir-rigward tad-djun mal-Bank, għadha tidher Dolores Anna sive Doreen Cardona bħala debitriċi flimkien ma' żewġha (fir-rigward tad-djun li kellha flimkien ma' żewġha) u bħala garanti flimkien ma' żewġha (fir-rigward tad-djun tal-kumpanija), huwa ferm dubjuż kemm Andrew Mifsud fil-fatt ser iħallas dan id-dejn. Din il-qorti tinnota li fir-rigward tad-djun tal-kumpanija, fi kliem l-istess Bank dawn huma "*considerable existing obligations*". Xejn ma jiswa għalhekk li fil-kuntratt tas-separazzjoni hemm imniżżel li d-dejn qed

jassumih ir-raġel ġialadarba ma jirriżultax li d-dejn inħafer fil-konfront tal-appellata. In vista ta' dan kollu din il-qorti fiċ-ċirkostanzi mhux ser tieħu qies tal-ġojjellerija imsemmija fil-kuntratt tas-separazzjoni. Dan apparti l-fatt li fid-difiża li ppreżenta l-appellant quddiem l-Arbitru (ara ittra datata 29 ta' Marzu, 2017), l-appellant ma semmiex dawk il-mobbli biex jispjega r-raġuni għad-deċiżjoni li ħa.

20. Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma ressaq l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li l-uniku mod kif kellu jiddeċiedi l-Arbitru kien billi jiċħad l-appell tal-appellata.

21. Ikkunsidrat dan kollu, jirriżulta lil din il-qorti li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u timmerita konferma.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-appellant.**

Anthony Ellul.